KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 70 Tnejn 14 ta' Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:55 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar -Viċi Sindku
Angele Rapa – Kunsillier
Mario Sammut-Kunsillier

ASSENTI
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**70.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' James Cassar, Mario Sammut, u Angele Rapa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 69
REF:69.4.7 – Annual Budget for Financial Year 2019
Il-Kunsillier Borg ġibed l-attenzjoni li trid issir *correction* fil-minuti hekk kif inhu ġej: "Annual Budget li ġie preparat għal-2019, il-Kunsill ser jkollu żbilanċ fil-cashflow ta' 20,000 Ewro".

REF: 68.3.7 - Ismijiet tat-toroq pendenti
Is-Sindku nforma li minkiejja triq il-Bażilika ġiet approvata, sakemm jingħalqu l-applikazzjonijiet pendenti triq il-Bażilika ma tidħolx fis-seħħ.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 – Malta
Tel: (+356) 21416841 Fax: (+356)21410245 Email:mosta.lc@gov.mt

Is-Sindku nforma lis-Street Naming Committee li m'għandniex għalfejn nibqaw nistennew u nmexxu bil-proċess ta' triq il-Bażilika, u għalhekk għanda ssir laqgħa biex nippruvaw naqblu fuq l-applikazzjonijiet pendenti.

REF: 68.4.5 - PAMA
Is-Sindku nforma li ntbgħat ir-rapport tal-Planner Bjorn Bonello, u qed nistennew biex issir laqgħa.

REF: 68.4.10 - Public Toilets
S-Sindku nforma li għadna qed nistennew il-permess tal-Planning Authority.

REF: 69.3.1 - Ndafa u Skart
Is-Sindku nforma li l-kuntrattur il-ġdid beda u jidher li l-ilmenti fuq il-ħmieġ naqas ħafna, pero' fadal fejn nimmiljoraw fuq id-*dustbins* fejn qed jiġu ndirrizati mil-kuntrattur mingħajr dewmien.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 69.

70.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

70.3.1 Kommunikazzjoni - Twinning Millbrae
Il-Kunsillier Deguara nforma li qiegħed f'kuntatt ma s-Sur Louis Vella u l-FCM travel, u ġie miftiehem li l-laqgħa mal-membri tal-Kunsill issir fil-25 ta' April. Kif jkun iffinallizzat l-programm il-Kunsillier Deguara ħa jibgħatu lil-Kunsilliera.

70.3.2 Kommunikazzjoni - Gazzetta Mosta Solidali
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa tkun lejn l-aħħar ta' Marzu. Is-Sindku nforma li biex jkun hemm bilanċ politiku kulħadd ingħata ċans biex jikteb fil-gazzetta, u talab biex min jmissu jikteb, jżomm mad-dati tad-*deadlines* biex il-gazzetta tinħareġ fil-ħin.

70.3.3 Kommunikazzjoni – MOU Nanniet Malta
Is-Sindku nforma li tmexxija ta' Nanniet Malta flimkien mal-Kunsill jixtiequ jgħamlu inawgurazzjoni uffiċjali fejn kif sar fil-hub ta' Ħaż-Żabbar, jinfetaħ uffiċċjalment mil-President ta' Malta. Għalhekk għal-inawgurazzjoni tal-Mosta għal-ftuħ ta' dan il-*hub* fir-reġjun tramuntana tiġi mistiedna l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca. Din qed tiġi ippjanata għal-10 ta' Frar jekk dejjem il-President ta' Malta ma jkollhiex xi *committments* oħra, inkella tinbidel id-data.

Is-Sindku nforma wkoll, li fil-*foyer* qabel ma tidħol fis-sala jsir *mural*, biex titgħatta il-ħsara li hemm mal-ħajt minħabba l-ilma li dieħel min barra. Dan l-ilma dieħel minħabba li hemm dislivell ta' soqfa, fejn hemm travu bil-pjanċi tal-ħadid li fuqhom hemm tankijiet ta' l-ilma.

70.3.4 Kommunikazzjoni – Presepju
Is-Sindku nforma li l-Mosta huwa l-iktar raħal f'Malta li għandu wirjiet ta' presepji, u din is-sena saru wirjiet ta' livell iktar għoli, u fuq hekk nibdet idea li jsir seminar ta' presepji. Dan it-tip ta' seminar jsir wkoll ġewwa Għajnsielem f'Għawdex fejn jkollu attendenza tajba ħafna u jiġi mistieden presepista min barra min Malta biex jmexxi dan is-seminar li jkun mifrux fuq tlett ijiem. Dan il-presepista huwa kkunsidrat wieħed mil-aqwa tant li jsegwuħ nies min barra

min Malta biex jattendu għas-seminars tiegħu, kif wkoll Maltin li jsifru barra min Malta biex jattendu.

Qed jiġi pjanat li dan is-seminar jsir bejn it-8 u l-10 ta' Marzu, fejn l-attendenza ssir bi ħlas biex nkopru l-ispejjes biss. Dan is-seminar għal-min jattendi ħa jiswa 90 Ewro li jkopri spejjes tal-presepista, *flights* u *lodging*, kif wkoll żewġ ikliet għal min jattendi. *Capacity* għal dan is-seminar jiflaħ biss 60 ruħ.

**70.3.5 Kommunikazzjoni - White Paper Swieq fil-Beraħ**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li attendiet laqgħa dwar il-White Paper Swieq fil-Beraħ, fejn attendew Kunsilli oħra jresqu lmenti varji. Il problemi li tqajmu kienu varji fosthom ħmieġ li jitħalla mil-bejjiegħa, żgombru ta' bankini u entraturi ta' residenti, kif wkoll traffiku.

Il-ħmieġ li jħallu warajhom il-bejjiegħa kien l-iktar ilment li ġie diskuss fejn ħadd mil-Kunsilli preżenti, inkluz l-AKL ma aċċettaw li t-tindif tagħhom jsir mil-Kunsilli, imma li jkunu responsabli il-bejjiegħa biex jnaddfu warajhom.

**70.3.6 Korrispondenza - EM Citizen Learnit Courses 2019**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li għal-din is-sena ġejna avviċinati bil-korsijiet li jofru t-TCTC, li ħa jkun hemm din is-sena. Bħala korsijiet il-Kunsill fl-2018 kellu EM Citizen, Robotika u Coding, fejn ħallasna madwar 3,000 Ewro, u d-DLG jirrifonduna madwar 500 Ewro.

Il-membri preżenti approvaw li nerġaw nżommu l-istess korsijiet ta' l-2018.

**70.3.7 Korrispondenza - Quote for revamp of website**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed taħdem flimkien mal-kumpanija Preeo biex tiġi *revamped* il-website tal-Kunsill. Il-kwotazzjoni hija ta' 35 Ewro s-siegħa.

Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

**70.3.8 Kommunikazzjoni – Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa tkun żjara ġewwa l-Palazz Verdala nhar is-17 ta' Jannar.

## 70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**70.4.1 – Mobile App għal-Permessi**

Il-Kunsillier Tanti staqsa dwar il-kumpanija li kienet qed tiddisinja *mobile app* għal-permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet qed tattendi laqgħat ma Kunsilli oħra fejn sar *planning* u disinn għal-din il-*mobile app*, pero' dawn il-laqgħat ma baqawx jsiru peress li hemm ċans li din l-*app* issir mil-Gvern Ċentrali.

**70.4.2 – Zebra Crossing fi Vjal Indipendenza**

Il-Kunsillier Tanti ressaq ilment li d-dwal taż-*zebra crossing* li tinsab fi Vjal Indipendenza ftit qabel triq il-Mitħna, għadhom qatt ma nxtelu. Is-Sindku nforma li jista jkun Transport Malta għadom ma kkomunikawhomx. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex nirrapurtaw lil Transport Malta.

**70.4.3 – Zebra Crossing fi Triq Pantar**

Il-Kunsillier Tanti ressaq ilment li d-dwal taż-*zebra crossing* li tinsab fi triq Pantar ma jixelgħux. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jiġu rrapurtati.

70.4.4 – Ħofra Vjal Ragusa
Il-Kunsillier Deguara rraporta li hemm ħofra fi Vjal Ragusa ma Qalbiena Mostin. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil handyman tal-Kunsill.

70.4.5 – Ħofra Triq il-Kulleġġ
Il-Kunsillier Borg irraporta ħofra fi triq il-Kulleġġ quddiem il-garaxxijiet tas-sorijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil *handyman* tal-Kunsill.

70.4.6 – Tender Handyman
Il-Kunsillier Borg staqsa f'hiex wasal it-*tender* tal-*handyman*. Is-Sindku nforma li dan qed jiġi maħdum, kif wkoll dak tal-Contracts Manager. Is-Sindku nforma wkoll li fejn jidħol il-van tal-*handyman* dan għandu jkun mixtri jew *leased*.

70.4.7 – Rampa ta' Garaxx
Il-Kunsillier Micallef Costa ressaq talba min resident biex ssir rampa għal-garaxx li jinsab fi triq il-Kungress Ewkaristiku. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rampi mgħamulin mil-konkos fil-verita għalkemm huma illegali ħadd ma jieħu passi. Bil-liġi rampi jridu jsiru jew ta' l-injam jew ħadied li jitpoġġew u jinqalaw kull meta trid tidaħħal jew tinħareġ vettura. Is-Sindku nforma lil Kunsillier Costa li jgħid lir-resident biex japplika ma Transport Malta peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta tagħhom.

70.5 Rapporti

70.5.1 Kommunikazzjoni - Update -Sejħa ta' Skrivana
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellhom jsiru it-tieni *interviews* fis-17 ta' Diċembru biex tingħażel persuna min żewġ applikanti li kienu tajbin għal-pożiżjoni ta' *clerk.*
Fl-14 ta' Diċembru rriżenjat impjegata tal-Kunsill, u għalhekk l-*interviews* ma sarux u ntgħażlu iż-żewġ applikanti flok waħda.

70.5.2 Performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati
*Performance appraisals* ta' l-impjegati fuq is-suġġerimenti tas-Segretarju Eżekuttiv ġew approvati mil-membri tal-Kunsill.
Fi 8:30pm is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mil-kamra biex jiġi diskuss l-*performance appraisal* tagħha, u fuq is-suġġeriment tas-Sindku ġie approvat mil-membri tal-Kunsill.
Fi 8:30pm is-Segretarju Eżekuttiv daħlet lura fil-kamra, biex titkompla l-laqgħa.

70.5.3 Evaluation tat-Tender KLM T 02/2018 - Road Maintenance of access & access only roads & ancillary works
Is-Sindku nforma li l-bord ta' l-evalwazzjoni mgħamul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Micallef Costa, jridu jiltaqaw biex jiġi evalwat dan it-*tender*.

70.5.4 Evaluation tat-Tender KLMT-06-2018 – Upkeep and maintenance of parks, gardens, and soft areas using environmentally friendly products and practices
Is-Sindku nforma li l-bord ta' l-evalwazzjoni mgħamul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Micallef Costa, illum evalwaw dan it-*tender*.

70.5.5 Evaluation tat-Tender KLMT-08-2018 - Supply, Installation and Commissioning of CCTV Systems

Is-Sindku nforma li l-bord ta' l-evalwazzjoni mgħamul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Micallef Costa, jridu jiltaqaw biex jiġi evalwat dan it-*tender*.

**70.5.6 Evaluation tat-Tender KLMT-05-2018 – Replacing of existing lamps to LED Classic style Luminaries**

Is-Sindku nforma li l-bord ta' l-evalwazzjoni mgħamul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Micallef Costa, jridu jiltaqaw biex jiġi evalwat dan it-*tender*.

**70.5.7 Evaluation tat-Tender KLMT-07-2018 – Provision of Bulky Refuse Collection from the Locality of Mosta in an environmentally friendly manner**

Is-Sindku nforma li l-bord ta' l-evalwazzjoni mgħamul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Micallef Costa, illum evalwaw dan it-*tender*.

**70.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**70.6.1 Skeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 84.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 11 ta' Diċembru 2018 sal-14 ta' Jannar 2019.

**70.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**70.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**70.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Diċembru 2018.

**70.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:53 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal- 5 ta' Frar 2019 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 14 ta' Jannar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |